# Il-Pupa Tiegħi



Għandi pupa wisq sabiħa,
aħmar wiċċha bħall-peprin,
par għajnejn minn lewn is-sema,
bħalhom żgur ma ssibx ħelwin.

Il-mamà bħali tlibbisha,
mid-drapp stess tal-libsa tiegħi,
oħti ż-żgħira nistħajjilha,
meta jien noħroġha miegħi.

Fejn immur dejjem noħodha.
għax mingħajrha ma jien xejn,
Minn fejn ngħaddi nisma' jgħidu.
"Dawna donnhom pupi t-tnejn!"

**Pjan tal-lezzjoni fil-qosor**

**1)** Wara li qrajt il-poeżija jien, iddiskutejnieha flimkien fil-klassi u spjegajtilhom xi vokabolarju diffiċli għalihom bħal *lewn*, *peprin* u *nistħajjilha*.

**2)** It-tfal qrawha u sibna l-kliem li jirrima. Wara tajthom stampa ta' pupa bil-kliem:

**pupa ...........**

**għajnejn ...........**

**wiċċ ...........**

**libsa ...........**

**żarbun ..........**

**il-pupa tathieli .............**

**qlajtha fil-.............**

**il-pupa taf ................**

**nilgħab bil-pupa ma' ................**

**3)** Hawn it-tfal kellhom jimlew il-vojt b'aġġettivi, nomi jew verbi, mingħajr ma semmejt dan il-kliem tekniku.

**4)** Fil-lezzjoni ta' wara dawn il-frażijiet użajniehom f'sentenzi.

It-tfal ħadu gost għax irnexxielhom jiktbu ftit sentenzi. Meta kien imisshom lezzjoni oħra, it-tfal ippubblikaw ix-xogħol tagħhom u dendilniehom fil-klassi.

***Riżorsa ta' Josette Bezzina***
***Skola Primarja ta' Birżebbuġa***
***Kulleġġ San Benedittu***